**QORTI CIVILI**
**PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 20 ta' Marzu, 2019**

**Rikors Guramentat Nru: 783/2016 AF**

**Georgina armla minn Philip Grima, Joseph Grima u Doreen Grima**

**vs**

**Joseph u Rose konjugi Micallef**

**u**

**Mark Micallef**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat tar-rikorrenti li permezz tiegħu wara li ġie premess illi:

B'kuntratt tas-6 ta' Mejju 1966 fl-atti tan-Nutar Dottor Carmelo Lia, l-mejjet Philip Grima kien akkwista minghand Francesco

Fenech l-ghelieqi li qeghdin fil-kuntrada tax-Xghajra limiti ta' Haz-Zabbar u cioè (a) l-ghalqa Ta' Dora sive Tat-Tombu ta' cirka tomnejn, konsistenti fi tlett kanni flimkien kongunti bil-kamra rurali li hemm fihom u tmiss mill-Lbic ma' Sqaq ta' Zaqq il-Hajr, mix-Xlokk ma' beni ta' Carmelo Buhagiar u mill-Majjistral ma' beni ta' Joseph Vassallo qabel ta' Grazio Borg; (b) l-ghalqa Ta' Dora sive Ta' Tombu ta' cirka hames sighan, konsistenti f'zewg kaxxi flimkien, kongunti bil-kamra rurali li hemm fihom u li tmiss mill-Lbic ma' Sqaq ta' Zqq il-Hajr, Nofsinhar ma' proprjetà ta' Carmelo Buhagiar u mit-Tramuntana ma' proprjetà ta' Carmelo Tabone kif soggetti ghac-cens annwu u perpetwu ta' €1.70c, liberi u franki minn affarijiet ohra u dan skond Dokument A.

Philip Grima akkwista din il-proprejtà tul iz-zwieg tieghu ma' martu Georgina Grima.

Philip Grima miet fit-2 ta' Dicembru 2015 skond certifikat tal-mewt hawn anness u mmarkat bhala Dokument B.

Il-wirt tieghu ddevolva '*ab intestato*' minkejja t-testment sigriet tieghu tat-18 ta' Gunju 2007 li kopja tieghu qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dokument C kif ukoll kopja tal-ftuh tal-Qorti Civili Sezzjoni Volontarja tal-5 ta' April 2016 li qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dokument D u c-certifikati ta' testmenti Dokumenti E u F.

Dan ic-cens annwu u perpetwu impost fuq l-art fuq imsemmija kien originarjament jithallas lill-Knisja ta' San Filippo, l-Isla skond il-ktieb tar-ricevuti Dokument G hawn anness u sussegwentement lill-Ufficcju Kongunt skond ricevuti hawn annessi u mmarkati bhala Dokument H. Dan ic-cens annwu u perpetwu impost fuq l-art in kwistjoni huwa debitament imhallas sa din is-sena.

L-intimati b'kuntratt tal-15 ta' Settembru 2005 fl-atti tan-Nutar Dottor Carmelo Lia, li kopja tieghu qed jigi hawn annessa u mmarkata bhala Dokument I b'mod abbuziv u llegali, kkuntrattaw kuntratt ta' donazzjoni meta huma kienu jafu li l-proprjetà li giet donata ta' cirka 1170 metri kwadri fil-limiti tax-Xghajra, Haz-Zabbar li mill-Grigal tmiss ma' Triq Sant'Elija,

mill-Majjistral in parte ma' Triq ix-Xatt u in parte ma' raba iehor f'idejn Joseph Scerri u mix-Xlokk ma' beni ta' binja gdida tal-Knisja tax-Xghajra, ma kienitx proprjetà taghhom imma tal-atturi.

Jirrizulta minn rapport redatt mill-Perit Stephen Mangion illi l-art akkwistata minn Philip Grima ma' dik donata lil Mark Micallef mill-genituri tieghu u dan b'mod abbuziv u llegali hija l-istess proprjetà tal-atturi stante kif turi s-superimposizzjoni tas-*site plans* annessi mal-istess kuntratti.

L-intimati okkupaw parti mill-ghalqa Ta' Dora sive Ta' Tombu billi poggew '*container*' qafas ta' karozzi ossija 'scrap', bicciet tal-hadid, *white goods*, *speed boat*, ziemel tat-trukk u oggetti ohra.

Dan ghamluh ad insaputa tal-atturi minghajr il-kunsens u l-approvazzjoni taghhom, b'mod abbuziv u llegali, minghajr ebda titolu validu fil-ligi.

L-intimati qatt ma kienu fil-pussess ta' din l-art issa huma qed jippretendu li parti minn din l-art akkwistata mill-atturi hija proprjetà taghhom.

Jinhtieg li jigi dikjarat u deciz illi l-proprjetà in kwistjoni hija proprjetà assoluta tal-atturi u mhux tal-intimati oltre li jigi oltre li jigu reintegrati fil-pussess ta' hwejjighom.

B'ittra ufficcjali tat-8 ta' Lulju 2016, l-atturi talbu lill-intimati jizgumbraw u jigu reintegrati f'parti mill-proprjetà akkwistata minn Philip Grima bil-kuntratt tas-6 ta' Mejju 1966 fl-atti tan-Nutar Dottor Carmelo Lia stante li l-intimati kkuntrattaw b'mod fazul kuntratt ta' donazzjoni u approprjaw l-art minghajr ebda titolu validu fil-ligi.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-atturi huma proprjetarji tal-ghalqa Ta' Dora sive Tat-Tombu ta' cirka tomnejn, konsistenti fi tlett kanni flimkien kongunti bil-kamra rurali li hemm fihom u tmiss mill-Lbic ma' Sqaq ta' Zaqq il-Hajr,

mix-Xlokk ma' beni ta' Carmelo Buhagiar u mill-Majjistral ma' beni ta' Joseph Vassallo qabel ta' Grazio Borg li b'mod abbuziv u llegali l-intimati jippretendu li parti minnha hija proprjetà taghhom.

2. Tordna lill-intimati biex fi zmien qasir u perentorju li jigi lilhom stabbilit minn din il-Qorti jnehhu '*container*' qafas ta' karozzi ossija '*scrap*', bicciet tal-hadid, *white goods*, *speed boat*, ziemel tat-trukk u oggetti ohra.

3. Fin-nuqqas tawtorizza lill-atturi biex inehhu kull '*container*', qafas ta' karozzi ossija '*scrap*', bicciet tal-hadid, *white goods*, *speed boat*, ziemel ta-trukk u oggetti ohra u dan a spejjez tal-intimati.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficcjali tat-8 ta' Lulju 2016 u bl-ingunzjoni tal-intimati ghas-subizzjoni.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-intimati li permezz tagħha irrispondew illi:

It-talbiet tal-atturi rikorrenti ghandhom jigu michuda peress li l-art mertu tal-kawza hija llum proprjetà tal-eccipjenti u dana kif ser jirrizulta waqt il-kawza. Jinghad li l-esponenti Joseph u Rose konjugi Micallef kienu ilhom jokkupaw l-art in kwsitjoni ghal tlieta u tletin sena b'mod kontinwu, mhux miksur u pacifiku. Sussegwentement l-art inghatat b'donazzjoni lill-konvenut Mark Micallef. L-esponenti dejjem ghamlu dak li ghamlu *in bona fede* [Art. 531(1) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta] u dana kuntrarjament ghal dak allegat fir-rikors guramentat u kif ser jirrizulta waqt il-gbir tal-provi.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez.

Semgħet ix-xhieda prodotti.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti.

Rat li l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Ikkunsidrat illi permezz ta' din il-kawza r-rikorrenti qeghdin jirrivendikaw proprjetà taghhom f'Haz-Zabbar okkupata mill-intimati.

Ir-rikorrenti jsostnu illi huma l-proprjetarji tal-art mertu tal-kawża odjerna ossia l-għalqa ta' Dora, sive ta' Tombu ta' ċirka tomnejn, konsistenti fi tlett kanni flimkien konġunti bil-kamra rurali li hemm fihom u tmiss mill-Lbiċ ma' Sqaq ta' Zaqq il-Ħajr, mix-Xlokk ma' beni ta' Carmelo Buhagiar u mill-Majjistral ma' beni ta' Joseph Vassallo qabel ta' Grazio Borg, u l-għalqa ta' Dora sive Ta Tombu ta' ċirka ħames sigħan, konsistenti f'żewġ kaxxi flimkien konġunti bil-kamra rurali li hemm fihom u li tmiss mill-Lbiċ ma' Sqaq ta' Zaqq il-Ħajr, Nofsinhar ma' proprjetà ta' Carmelo Buhagiar u mit-Tramnuntana ma' proprjetà ta' Carmelo Tabone kif soġġetti għaċ-ċens annwu u perpetwu ta' €1.70c liberi u franki minn affarijiet oħra[1].

Jirrizulta li din l-art kienet ġiet akkwistata mill-mejjet Philip Grima flimkien ma' martu r-rikorrenti Georgina Grima permezz ta' kuntratt tas-6 ta' Mejju 1966 fl-atti tan-Nutar Dottor Carmelo Lia[2] mingħand Francesco Fenech, u wara l-mewt tal-imsemmi Philip Grima sehmu mill-art in kwistjoni intiret mill-armla tiegħu u minn uliedu, ilkoll rikorrenti.

L-intimati b'kuntratt tal-15 ta' Settembru 2005 fl-atti tan-Nutar Dottor Carmelo Lia[3], ikkuntrattaw bejniethom kuntratt ta' donazzjoni fuq din il-proprjetà. Da parti tagħhom, l-intimati jgħidu illi l-għalqa ilha fil-pussess tagħhom għal tlieta u tletin sena.

L-intimati okkupaw parti mill-għalqa ta' Dora sive Ta Tombu billi poġġew *container*, qafas ta' karozzi ossija *scrap*, biċċiet tal-ħadid, *white goods*, *speed boat*, ziemel ta' trakk u oġġetti oħra.

[1] Fol 18
[2] Dok A, fol 4
[3] Dok I , fol 29

Ikkunsidrat illi l-*actio rei vindicatoria* hija azzjoni reali li ghandha bhala oggett taghha r-rikonoxximent tad-dritt ta' proprjetà tal-attur u konsegwentement it-tutela ta' dak id-dritt u r-restituzzjoni tal-haga reklamata.

Il-ligi trid illi sabiex attur jirnexxi f'kawza ta' din ix-xorta jehtieglu jipprova d-dominju tal-haga minnu akkwistata legittimament u li tkun fil-pussess ta' haddiehor. Minn naha l-ohra meta l-konvenut, f'azzjoni rivendikatorja jinvoka favur tieghu titolu fuq l-art rivendikata, jehtieg li l-Qorti tezamina t-titolu pretiz mill-konvenut.

Fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell tat-12 ta' Dicembru 2002, fl-ismijiet John Vella et v. Sherlock Camilleri, inghad:

> *"Dan il-principju kien jezisti fid-Dritt Ruman, u mhux talli mhux inkompatibbli mal-Kodici Civili odjern, izda gie accettat mill-Qrati taghna bhala principju validu li ghadu jezisti fil-ligi Maltija, kif fuq intwera. Skond dan il-principju, mhux mehtieg li l-attur jipprova titolu originali fuq il-proprjetà izda hu bizzejjed li jipprova dritt fuq l-art anterjuri (ghal) dak tal-konvenut. Ir-rizultat, ovvjament ma jkunx bhal vindicatorja li kwazi kwazi tiddeciedi t-titolu tal-attur erga omnes, imma r-rizultat ikun fil-konfront tal-konvenut, it-titolu tal-attur huwa ahjar minn dak tal-konvenut, u dan ta' l-ahhar m'ghandux jithalla fit-tgawdija tal-art a skapitu ta' min ghandu dritt aktar minnu."*

Hekk ukoll fil-kawża Sebastian Vella et vs Charles Curmi, deċiża fit-28 ta' Frar 2014, il-Qorti tal-Appell Superjuri spjegat illi meta f'azzjoni rivendikatorja, kemm l-attur u kif ukoll il-konvenut isostnu li huma l-proprjetarji tal-art in disputa, għandu jsir eżami komparattiv tat-titoli rispettivi tagħhom sabiex jiġi stabbilit min għandu l-aħjar titolu:

> *"Kif inhu risaput, għalkemm tradizzjonalment l-attur fl-actio rei vendicatoria għandu jipprova t-titolu tiegħu fuq l-art posseduta mill-konvenut mingħajr ombra ta' dubju (u cioè jipprova titolu oriġinali), fis-snin riċenti ġie aċċettat mill-qrati tagħna li huwa biżżejjed li jipprova li għandu titolu aħjar minn dik tal-konvenut sabiex jirbaħ il-kawża.*

*(Ovvjament dan ikun il-każ meta l-konvenut jeċċepixxi li huwa l-proprjetarju u jipproduċi provi f'dan is-sens). F'tali każ isir eżami komparattiv tat-titoli rispettivi tal-partijiet sabiex jiġi stabbilit min għandu l-aħjar titolu fuq il-ħaġa in disputa. Il-prinċipju li min għandu titolu aħjar jirbaħ il-kawża, mingħajr ħtieġa li l-attur jipprova titolu assolut, huwa llum assodat fid-duttrina. Din l-estensjoni tal-portata tal-actio rei vendicatoria ġiet inferita mill-Qrati tagħna, tajjeb jew ħazin, mill-actio publiciana tad-Dritt Ruman*."

Kif ritenut il-Qorti tal-Appell fis-sentenza "Vella vs Curmi" fuq ċitata, huwa biss jekk l-attur ikun irnexxielu jipprova t-titolu tiegħu fuq l-art in disputa li imbagħad jinkombi fuq il-konvenut (li jkun eċċepixxa titolu fuq l-istess art) li jipprova titolu aħjar. F'każ li l-attur ma jkun ipprova l-ebda titolu fuq l-art in disputa, it-talbiet tiegħu għandhom jiġu miċħuda. Il-Qorti rriferiet għal diversi insenjamenti tal-qrati tagħna f'dan ir-rigward:

*"L-attur f'kawża rivendikatorja jrid jipprova d-dritt tiegħu ta' proprjetà fuq il-ħaġa rivendikata u tali prova trid tkun kompleta u konklussiva, b mod li kwalunkwe dubju, anke l-iċken, imur favur il-konvenut possessur."*

*"Min jitlob ir-rivendikazzjoni ta' immobbli għandu d-dover li qabel xejn jipprova l-proprjetà tiegħu. Il-konvenut f' din l-azzjoni ma għandux għalfejn jiftaħ ħalqu sakemm issir il-prova u jekk dik il-prova ma ssirx huwa għandu jirbaħ il-kawża……Jekk lill-Qorti jidher li hemm l-inqas dubju dwar il-proprjetà tar-rivendikant, hija għandha ssostni lill-possessur."*

*"Darba li l-attur jipprova t-titolu tieghu, spetta lill-konvenut jipprova xi titolu ahjar. Ladarba l-attur jissodisfa l-piż tal-prova billi juri t-titolu tiegħu, jinkombi lill-konvenut li jikkontrapponi, permezz ta' provi ċari, uniċi u indubbi, it-titolu proprju."*

*"Meta jissussisti xi dubju dwar it-titolu reklamat mill-attur, il-qorti ma jinħtiġilhiex tidħol fl-eżami tal-allegat titolu tal-konvenut għaliex f' dik l-eventwalità xejn ma jkun ifisser li l-konvenut ma jipprova bl-ebda mod la t-titolu, la bil-*

*preskrizzjoni u lanqas mod ieħor li hu l-proprjetarju. Una volta dubju dwar it-titolu tal-attur ma jeżistix, jikombi fuq il-konvenut li jaddotta linja difensjonali adegwata u b'saħħitha biex jinnewtralizza t-titolu pruvat tal-atturi rivendikanti billi jopponi għalih b'titolu b'saħħtu u ċert."*

Il-konsiderazzjoni tal-pretensjonijiet divergenti tal-partijiet, il-Qorti qieset illi r-rikorrenti jippremettu illi huma akkwistaw l-art mertu tal-kawża permezz ta' kuntratt tas-6 ta' Mejju 1966 fl-atti tan-Nutar Dottor Carmelo Lia[4], filwaqt li l-intimati jirrispondu illi huma ukoll għandhom titolu, liema titolu huma jgħidu li akkwistaw permezz tal-preskrizzjoni akkwiżittiva trentennali.

Jirriżulta lil din il-Qorti illi ir-rikorrenti irnexxielhom jipprovaw li t-titolu tagħhom huwa wiehed originali li jmur lura ghall-kuntratt t'akkwist tagħhom tas-6 ta' Mejju 1966[5]. Fil-provenjenza tal-istess kuntratt, jinghad illi l-venditur kien xtara l-immobbli li kien biegħ lir-rikorrenti f'din il-kawża b'att tan-Nutar Dottor John Micallef Trigona tal-4 ta' Jannar 1955[6]. Jirrizulta wkoll illi sal-lum ir-rikorrenti iħallsu lill-Uffiċju Konġunt iċ-ċens annwu u perpetwu fuq din l-art[7].

Galadarba l-konvenuti wkoll qeghin jivvantaw titolu, jehtieg li jigi ezaminat ukoll it-titolu taghhom. Fil-kuntratt ta' donazzjoni, l-intimati iddikjaraw[8] li huma:

"*akkwistaw din l-għalqa donata bi preskrizzjoni akkwisittiva għaliex Joseph Micallef sa minn qabel ma iżewweġ lil din martu Rose, ippossjieda din l-għalqa bħala sid, liema pussess kien kontinwu, mhux miksur, paċifiku, u mhux ekwivoku għal iktar minn tletin sena u l-għalqa qatt ma kienet extra commercium*".

---

[4] Dok A, fol 4
[5] Dok A, fol 4
[6] Fol 53
[7] Dok H, fol 23
[8] Fol 27

L-intimati qed jirrispondu għalhek illi għandhom titolu fuq il-proprjetà in kwistjoni permezz tal-preskrizzjoni trentennali.

L-Artikolu 2143 tal-Kodici Civili jipprovdi illi:

> *"L-azzjonijiet kollha, reali, personali, jew misti jaqghu bil-preskrizzjoni gheluq tletin sena, u ebda oppozizzjoni ghall-preskrizzjoni ma tista' ssir minhabba n-nuqqas ta' titolu jew ta' bona fidi*."

Fil-kawza fl-ismijiet Antonio Pace vs. Rev Henry Abela deciza is-5 ta' Lulju, 2004 gie ritenut illi:

> *"Fil-każ tal-preskrizzjoni akkwiżittiva trentennali ma hemmx bżonn il-"giusto titolo" u lanqas il-"buona fede" minħabba l-elementi tat-trapass taż-żmien u dak tal-pussess. Biex il-pussess trentennali jagħti lok għall-użukapjoni, hemm bżonn li ma jkunx ekwivoku, u li jkun "animo domini".*

B'hekk jingħad illi l-pussess li irid jigi ppruvat ghandu jkun wiehed animo domini. Il-Qorti taghmel referenza ghal sentenza ta' din il-Qorti diversament preseduta, fl-ismijiet, Joseph Aquilina v. Sunny Homes Limited, deciza 5 ta' Ottubru 2004, fejn gie ritenut:

> *"Illi dak li jmiss li jigi deciz f' dan l-istadju hija l-pretensjoni attrici dwar il-proprjetà tal-isqaq. F'dan ir-rigward jigi osservat li l-attur qed jibbaza l-pretensjoni tieghu fuq il-pussess ad usucapionem ossia l-preskrizzjoni akkwisittiva ta' tletin sena li ghandha bhala l-elementi taghha il-pussess legittimu bir-rekwiziti kontemplati fl-Artikolu 2107 tal-Kap.16 u cioè li l-pussess ikun kontinwu ghal dan it-tul taz-zmien, pussess mhux miksur, pubbliku u mhux ekwivoku ghaz-zmien li tghid il-ligi [App.Civ. Borg vs Farrugia nomine et [1957] Vol.XLI.I.168;App.Civ. Stella Briffa vs Caterina Scicluna [1954] Vol.XXXVIII; u Chetcuti et vs Xerri deciza 31 ta' Mejju 1996]. L-oneru ta' din il-prova tirrisjedi esklusivament fuq min qed jallegha, f' dan il-kaz l-attur, fuq l-istregwa tal-massima onus probandi incumbit ei qui dicit non ei qui negat; u fid-dottrina u l-gurisprudenza hija*

*deskritta bhala prova dijabolika stante li jehtieg li tkun univoka fis-sens li ma treggix jekk ic-cirkostanzi ta' fatt jistghu jaghtu lok ghall-interpretazzjoni."*

Inoltre kif ritenut mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza tas-16 ta' Dicembru, 2004, fl-ismijiet Nazzareno Fenech v. Mada Developers Limited et:

*"Di diritto" ghandu jinghad li din ix-xorta ta' preskrizzjoni trigenarja, ma tirrikjedi la titolu u lanqas "buona fede". Dan ifisser li bis-semplici pussess legittimu ta' tletin (30) sena, il-possessur tal-haga jakkwista l-proprjetà tal-haga posseduta minnu. B'dan il-mod tali possessur jakkwista allura l-azzjoni biex jirrivendika dik il-haga kontra kwalunkwe persuna, anki kontra l-istess proprjetarju taghha precedenti.*

*Premess is-suespost, ghal fini ta' effikacja ta' azzjoni bhal dik ezercitata mill-attur, biex jigi radikat l-element ta' akkwizittiva, din ix-xorta ta' preskrizzjoni tippresupponi l-pussess legittimu li trid il-ligi ghaz-zmien kollu tat-trentennju. Hu maghruf inoltre li l-elementi tal-pussess civili f'dan il-kaz, huma tnejn: dak materjali, igifieri l-poter ta' fatt fuq il-haga; u l-iehor intenzjonali, igifieri l-animu tal-possessur li jgawdi d-dritt fuq il-haga bhal li kieku hu kien il-proprjetarju taghha. Dan ifisser mela li ma jikkostitwixxix pussess civili dak li jonqos fih wiehed jew iehor minn dawn iz-zewg elementi."*

Din il-Qorti filwaqt li taghmel dawn il-principji taghha wkoll, tqis li f'dan il-kaz, l-intimati ma rnexxielhomx juru kontinwità ta' pussess materjali fuq il-proprjetà *de quo* da parti ghaz-zmien mehtieg sabiex jigi ppruvat id-dekors ta' tletin sena.

Emanuel Mizzi, xehed hekk bl-affidavit dwar l-intimati[9]:- "*huma qatt ma ħadmu l-għalqa tat-Trombu għax il-parti li kienet tinħadem dejjem inħadmet minni."* B'hekk jingħad illi dan ix-xhud indipendenti qatt ma ra lill-intimati jaħdmu l-għalqa.

---

[9] Dok GG2, fol 85.

Din il-Qorti tirreferi wkoll għax-xhieda tal-intimat Joseph Micallef stess fejn dan xehed illi huwa kien ilu fl-għalqa madwar erbgħin sena u li Emanuel Mizzi kien iżomm iż-żiemel tiegħu f'għalqa oħra[10]. Però jirriżulta illi l-art mertu tal-kawża hija art waħda, u mhux ghelieqi separati. Dan fil-fatt jirriżulta mix-xhieda ta' Alan Scicluna[11] illi xehed *għar-rigward tal-proprjetà J42394 ossia l-għalqa Ta' Dora jew Tat-Tombru, Xgħajra, Ħaż-Żabbar,* illi din hija għalqa waħda u li tappartjeni lil Philip Grima. Il-Qorti wara li fliet il-provi kollha dwar x'uzu seta' kien qieghed jaghmel Joseph Micallef mill-ghalqa in kwistjoni, mhijiex sodisfatta li huwa pposjeda l-ghalqa "animo domini" ghaz-zmien kollha kif trid il-ligi.

Ghalhekk din l-eccezzjoni tal-intimati ma jisthoqqilhiex li tintlaqa'.

Il-Qorti ssib li r-rikorrenti seħħilhom jipprovaw li t-titolu tagħhom huwa wiehed b'sahhtu bizzejjed, sabiex jikkonvinci lil din il-Qorti li l-ewwel talba tar-rikorrenti jisthoqqilha li tigi milqugha, anke peress li, kif intqal, l-intimati ma sehhilhomx iressqu l-provi mehtiega biex isostnu l-pussess mehtieg taht il-preskrizzjoni akkwisittiva vantata minnhom.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:

1. Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara illi l-atturi huma proprjetarji tal-ghalqa Ta' Dora sive Tat-Tombu ta' cirka tomnejn, konsistenti fi tlett kanni flimkien kongunti bil-kamra rurali li hemm fihom u tmiss mill-Lbic ma' Sqaq ta' Zaqq il-Hajr, mix-Xlokk ma' beni ta' Carmelo Buhagiar u mill-Majjistral ma' beni ta' Joseph Vassallo qabel ta' Grazio Borg;

[10] Fol 98.

[11] Fol 94

2. Tilqa’ t-tieni talba u għall-fini tagħha tipprefiġġi terminu ta’ xahrejn;

3. Tilqa’ t-tielet talba.

L-ispejjeż jitħallsu mill-intimati.

IMHALLEF

DEP/REG